# DIDAKE (*)

## (It-Tagħlim tat-Tnaxr-Appostlu)

I

1. Żewġ toroq hemm: trîq tal-ħajja u trîq tal-mewt. U hemm għażla kbîra bejn iż-żewġ toroq. 2. Issa, t-trîq tal-ħajja hija din: l-ewwel, ħobb 'l Alla li għamlek; it-tieni, ħobb lil-għajrek bħalek in-nifsek. La tagħmilx lil ħadd ieħor dak li ma tixtieqx li jingħamel lilek. 3. It-tifsîr ta' dal-kliem hu dan: bierek lil min jisħtek u itlob għall-egħdewwa tiegħek. Iżjed: sûm għal dawk li jaħqruk. Għax x'ħajr tkun tistħoqq meta tħobb lil dawk li jħobbuk? Il-kefrîn ma jagħmlux hekk? Min-naħa tiegħek, ħobb lil dawk li jobgħoduk. Fuq kollox, ma għandux ikollok għadu. 4. Żomm ruħek li ma taqtax ix-xewqat tal-ġisem. Jekk xi ħadd jagħtik daqqa fuq ħaddek il-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll, u tkun temmi. Jekk xi ħadd iqabbdek timxi miegħu mîl, imxi miegħu milejn. Jekk xi ħadd jeħodlok il-għâba (1) agħtih ukoll il-qmis. Jekk xi ħadd jisraqlek mielek, titolbu xejn bi ħlas tiegħu. Int fis-sewwa, dan ma tistax tagħmlu. 5. Agħti lil kull min jitolbok u titlob xejn bi ħlâs. Il-Missier irîd li l-ġîd tiegħu jkun maqsum bejn kulħadd. Imbierek dak li jâgħti, u jisma' mill-amar, għax jgħaddi bla ma jitgħaddeb (2). Taħbît hemm għal dak li jieħu. Jekk xi ħadd ikun fil-ħtieġa u jieħu, ma jitgħaddebx; imma min ma jkunx jeħtieġ u jieħu, isir ħaqq minnu: għaliex, u għal liema għân ha. U jekk ikun mixħût il-ħabs, ikun mistoqsi fuq imġiebtu, u ma jinħelesx minn hemm sa kemm iħallas sal-anqas ħabba. Qîs li ġidek jagħraq (3) f'idejk, sa kemm issib lil min tagħtih.

II

1. Amar ieħor tat-Tagħlîm: La toqtol; la tieħu mara ta' ħadd ieħor; la tgħallemx ħażen liż-żgħar; la tiżni. 2. La tisraq; taħdimx mas-saħħarîn; tagħmilx sħarijiet; toqtolx trâbi qabel it-twelid (4) tixtieqx il-ġid ta' għajrek. 3. Tiksirx il-ħalfa tiegħek; tixhidx fil-gideb; tgħidx fuq għajrek; la żżomx f'qalbek. 4. La jkollok żewġ fehmiet; la tbiddelx kelmtek; kliem imbiddel huwa nassa tal-mewt. 5. Kliemek ma għandux ikun qarrieq jew bla fehma, imma għandu jkun imsaħħah bil-egħmil. 6. La tkun rgħîb jew ħattâf, jew turi ħaġa b'oħra, jew ħażin, jew imkabbar. Tagħmelx ħsebijiet fuq għajrek. 7. La tobgħod lil ħadd, imma wissi lil uħud u itlob għal oħrajn (5), u għall-oħrajn saħansitra agħti ħajtek b'turija tal-għożża tiegħek.

III

1. Ibni, aħrab id-deni ta' kull xorta u kull ħaġa li tixbħu. 2. La tkunx ħafîf biex tagħdab, għax il-għadab iwassal fil-qtîl. Tkunx rasek jiebsa, anqas ġellied, anqas lewwiem, għax dan kollu jnissel il-qtîl. 3. Ibni, tkunx faħxi, għax il-faħx inissel iż-żena. Tgħidx kliem ħażin, anqas titlaq għajnejk, għax dan kollu jġib iż-żena. 4. Ibni, la tkunx ħaġġieb (6), għax il-ħġieb inissel l-idolatrija. La tkunx saħħâr, anqas kewkieb (7) raqqaj (8), u anqas għandek tara jew tisma' dawn il-ħwejjeġ għax dan kollu jnissel l-idolatrija. 5. Ibni, la tkunx

giddieb, għax il-gideb jieħu għas-serq. La tkunx ħabîb tal-flus, anqas kabbâri u fieragħ. Dan kollu jnissel isserq. 6. Ibni, la tkun gemgûmi, għax it-tgemgîm jieħu għas-sħît; jew ta' rasek, jew taħseb ħażîn. Dana jġib is-sħît. 7. Min-naħa l-oħra, kun milqgħi (9), għax il-milqgħijjin jirtu l-art. 8. Kûn ta' sabar u ħanîn u bla ħjiena u ħiedi, u twajjeb, bil-biża, għożż għal dejjem it-tagħlim li qlajt. 8. Tkunx rasek merfugħa, anqas tagħti ruħek għat-tkabbîr. La tkunx midħla ta' min hu qawwi (10) imma ssieħeb man-nies it-tajba. 10. Ħu bħala barka kull ma jiġrilek, emmen li xejn ma jiġri mingħajr Alla.

IV

1. Ibni, nhar u lejl iftakar f'mîn għarrfek il-Kelma t'Alla, u weġġħu bħal Mulej, għax fejn ikun imsemmi l-Mulej, hemm il-Mulej ikun. 2. Fittex li ssieħeb kull jum il-qaddisîn, biex tissabbar bi kliemhom. Qatt la tibda tmerija, imma fiehem lil min ikun sa jitlewwem. Kun siedaq filħaqq tiegħek. La tmilx lejn dak jew lejn dan, meta tkun issewwi l-għaltiet. 4. Tkunx bejn ħaltejn fil-fehma tiegħek. 5. Tkunx wieħed li jiftaħ idejh biex jaqla' u jagħlaqhom biex jagħti. 6. Jekk għandek il-ġîd x'tagħti, ħallas minnu għal ħtijietek. 7. Toqgħodx titħasseb biex tâgħti, u meta tkun tajt, toqgħodx tgemgem. Issib 'il quddiem mîn hu dak li jroddlok il-ġîd. 8. La ddawwarx wiċċek minn fuq l-imsejknîn, imma aqsam kullma għandek ma' għajrek, u qatt la tgħid: "Dan tiegħi". Jekk intom sħâb f'dak li jibqa' għal dejjem, kemm aktar għankom tkunu sħâb f'dak li jintemm? 9. La tibżax għal idejk fuq ibnek jew bintek, imma min żogħrithom darrihom fil-biża' t'Alla. 10. Meta tkun imgħaddab, tamarx għallsîr jew ilsîra tiegħek, għax huma jitimgħu f'Alla wieħed li titma' fih int; inkella jistgħu jitilfu l-biża' t'Alla, li hu sid xorta waħda tiegħek u tagħhom. Huwa, meta jiġi, ma jħarisx lejn min hu kbîr fid-dinja; le, Huwa jiġi għal dawk li ħejjiet Ruħ il-Qodos. Imma int, ja lsîr, isma' minn sjiedek, bħala wellejja (11) t'Alla, bil-qîma u bil-biża'. 12. Aħrab il-wiri b'ieħor u kull ħaġa li ma togħġobx lil Mulej. 13. Ma jkun qatt li tħalli amar il-Mulej, imma żomm dak li ngħatalek, bla ma tnaqqas jew iżżid xejn. 14. Fil-knisja, istqarr ħtijietek, u la tiġix titlob talbek b'qalb ħatja. Din hija t-Triq tal-Ħajja.

V

1. It-trîq tal-mewt din hi: l-ewwel nett, hu egħmil ħażîn u misħût għal kollox: il-qtil, iż-żena, ix-xewqat, il-faħx, is-serq, il-qîma tal-allât qarrieqa, is-sħarijiet, il-ħtîf, ix-xhieda fil-gideb, il-wiri b'ieħor, il-kliem b'ieħor, it-taqrîq, il-kobrija, il-ħażen, iċ-ċiera, ir-regħba, il-kliem ta' għajb, il-għîra, il-herra, ir-ras jiebsa, il-frugħât, in-nuqqas ta' biża' t'Alla. Hija t-trîq li jimxu fiha dawk li jaħqru n-nies it-tajba, li jobgħodu s-sewwa, li jħobbu l-qerq; nies li ma jafux is-siwi tal-ħajja tajba, m'humiex mogħtijin għal ħaqq tajjeb, ħsiebhom ma hux f'dak li hu sewwa, imma f'dak li hu ħażîn. Għorba għal ħlewwa u s-sabar; ta' nies li jħobbu l-frugħa, li jfittxu li jitħallsu; li ma jħossux għal foqra, ma jqisux il-maħqurîn, ma jagħarfux lil min ħalaqhom. Qattiela tat-trâbi, qerrieda tax-xbieha t'Alla. Nies li jdawwru wiċċhom minn fuq il-meħtiġîn, jaħqru lil magħfusîn, jagħtu raj ħażîn lill-għonja (12), im-

ħallfîn ħżiena tal-foqra. F'kelma waħda ta' nies imgħarrqîn fid-dnûb. Uliedi, j'Alla tkunu mħarsa minn dan kollu!

VI

1. Araw li ħadd ma jitlifkom mit-Trîq tat-Tagħlîm, għax kull tagħlim ieħor ibegħedkom minn Alla. 2. Tassew, jekk tifilħu taħmlu madmad il-Mulej fi sħuħitu kollha, intom tkunu temmija; jekk ma tifilħux, agħmlu dak li tistgħu. 3. U fl-ikel, agħmlu li tistgħu, imma għassu bir-reqqa li ma teklux laħam imqaddem (13) lil allât qarrieqa, għax dîk tkun qîma tal-allât.

VII

1. Fuq il-Magħmudija. Għammdu hekk: wara li tkunu fissirtu dana kollu, għammdu fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tar-Ruħ il-Qodos, fl-ilma ġieri. 2. Imma jekk ma jkollkomx ilma ġieri, għammdu f'ilma ieħor. Jekk ma tistgħux tgħammdu fl-ilma kiesaħ, għammdu fl-ilma sħun. 3. Imma jekk ma jkollkomx u la l-wieħed u la l-ieħor, sawwbu l-ilma fuq ir-râs għal tliet darbiet: fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tar-Ruħ il-Qodos. 4. Qabel il-Magħmudija ġiegħlu jsûmu lil min ikun sa jgħammed u lil min ikun sa jitgħammed, u oħrajn ukoll li jkûnu jistgħu. Ġiegħlu lil min ikun sa jitgħammed isûm jûm jew jumejn qabel.

VIII

1. Is-sawm tagħkom ma għandux ikun fil-jiem infushom li fihom isûmu x-xaqqarin (14); huma jsûmu nhar ta' Tnejn u nhar ta' Tlieta; intom sumu nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa. 2. U la titolbux bħal ma jitolbu x-xaqqarîn, imma itolbu bħal ma amar il-Mulej fil-Bxâra: "Missierna li Int fis-sema, jitqaddes Ismek; jiġi Melkutek; isir rajk fl-art, bħal ma jsir fis-sema. Agħtina llum ħobżna l-jumi, u aħfrilna dejnna bħal ma aħna naħfru lil midjunin magħna. U la ddaħħalna fit-tiġrîb, imma eħlisna mid-deni. Għax tiegħek il-qawwa, tiegħek is-sebħ, għal dejjem ta' dejjem". Itolbu hekk, tliet darbiet kull jûm. (*Baqa' għal ħarġa oħra*).

---

(*) Din il-kitba, id-*Didake*, jew Tagħlim tat-Tnax-il-Appostlu, hija xogħol Lhûdi-Nisrâni, li kif jinħaseb min-nies li jifhmu, kien miktûb, għal ħabta ta' bejn is-sena 80 u s-sena 120 Wara Kristu. Qîsu xi ktieb tal-knisja tal-Ewwel Xirkiet tal-Insara. Għal hekk għandu siwi kbîr biex minnu jingħaraf, b'ras il-għajn, kif kienu jgħixu l-Insâra ta' żmien l-Appostli u ta' ftit wara. Dan il-Manuskritt insâb f'Kostantinopli fil-Bibljoteka tal-Patrijarka Grieg, fis-sena 1873. Fih erba' taqsimiet: l-ewwel, minn I sa VI, Morali, jew fuq id-drawwiet; it-tieni, mis-VII sal-X, Liturġija, jew il-qadi tal-knisja; it-tielet, mill-XI sal-XV, Dixxiplina, kif għandhom jitmexxew ix-Xirkiet tal-Insâra, u r-raba' u l-aħħar, li hi XVI, Eskatoloġija, fuq l-aħħar jiem tad-dinja. Għall-ewwel li nsâb xi għorrief ma redux jemmnu li kien *awtentku*, jiġifieri li kien tas-sew kitba qadima u ewlenija, imma wara kien imwettaq biż-żejjed u aktar minn biż-żejjed. F'kitba Apokrifa, li qatt ma ntilfet, jisimha l-*Ittra ta' san Barnaba* id-"Didake," tinsab imtennija qisha kollha. Sa fejn nafu aħna, dil-kitba għadha qatt ma ħarġet bil-Malti. Billi ma stajniex insibu malajr dil-kitba bil-Latin jew bil-Grieg, qlibniha minn fuq l-Ingliż, għal hekk, billi hija qlib minn fuq qlib, jista' jkun fiha 'l hawn u 'l hemm xi rqaqât mittiefsa.

(1). "Għâba": bħal kapott wiesa' tassuf, li jiltibes fuq il-ħwejjeġ kollha. Jilbsuh mill-antik nett, in-nies tal-Palestina u s-Surija. Issa, ftit-ftit, għiejed jinqata'.

(2). "Jitgħaddeb": ikun ikkastigat.

(3). L-oriġinal ta' dad-Dokument kien miktub b'xi lsien Sêmi (Lhudi, Arami, jew Suri): għal hekk dil-kelma: "*Jagħraq* f'idejk", aktarx kienet: "*Jaħraq* f'idejk", u xi ħadd qalibha ħażin.

(4). Mit-tismija ta' dawn id-dnubiet jidher li l-oriġinal ta' dil-kitba nkiteb fejn l-Insara kienu mħalltin sewwa mal-Pagâni. Il-Lhud tal-Palestina kellhom

biża' u skerrih kbar minn dnubiet bħal dawn. Għal hekk donnu li dil-kitba nkitbet is-Surija, fejn l-Insâra, Lhud u Pagani, kienu mħalltin flimkien.

(5). "Wissi lil uħud u *itlob għall-oħrajn*": għax hawn nies li daqs kemm huma mkabbrîn, jekk twissihom aktar ifuru; dawn jaqbel li titlob 'l Alla għalihom biss, biex imissilhom qalbhom Hu.

(6). "Haġġieb": *superstizjus*, li jemmen bit-*talismans*, jew ħġieb, bil-lingwa ta' dawk in-naħât.

(7). "Kewkieb", wieħed li jobsor x'għandu jsir, mill-qagħda tal-kwiekeb. *Astrolgu.*

(8). "Raqqaj", mill-verb: *raqa, jirqi;* wieħed li jfejjaq il-mard bi kliem saħħâri.

(9). "Milqgħi", ħelu, minn tagħna, *manswet.*

(10). Wieħed jistagħġeb kif inhi magħduda hawn bħala ħâġa ħażina li tkun midħla ta' min hu qawwi! Imma jekk taħseb ftit tara kemm hi twissija tajba u għaqlija għall-Insara. Meta l-qawwi jilqa' b'sieħbu wieħed dgħajjef, qisu dejjem ikun jinqeda bih għal xi xogħol ikraħ, li wara li jsir, ikeċċih minn qribu; dan, barra milli hu għajb kbir għal wieħed Nisrani li jafda fil-qawwa tal-bnedmin, u hekk iwarrab minnu t-tama f'Alla.

(11). "Wellejja": *rappreżentanti.*

(12). Ara n-nota 10.

(13). "Imqaddem": ippreżentat. Minn dal-kliem jidher li dad-Dokument kien maħruġ mill-Insara Lhud, għax San Pawl, li kellu f'idejh l-Insara Pagani, jgħid li dil-ħaġa ma kenitx dnub, għax l-allat qarrieqa ma kienux għajr biċċiet tar-rħam jew ġebel (ara l-ewwel Ittra lil Korintin., k. VIII).

(14). "Xaqqâr", wieħed li jxewwex qdusitu; fanfarûn fid-djiena; ipokrita. Lhudi Farriesi.




*Kif inhi t-triq fejn issir il-Vija Sagra ġewwa Ġerusalem, mill-Fortizza "Antonia" sal-Qabar ta' Kristu. Il-Waqfiet mgħallma b'numri Rumani u salib. Ara l-kitba i ġejja.*